**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Gunju 2023**

**Rikors nru : 276/2023 AGV ;**

**LM**

**-vs-**

**SP**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors ta' LM datat 12 ta' Mejju 2023 ;**

**Tesponi reverentement;**

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax [21.06.2012], u li minn dan iz-zwieg taghhom huma kellhom il-minuri CP li llum ghandha ghaxar (10) snin.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mis-sittax ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax [16.06.2016] u dana permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar pubbliku Dr. Malcolm Camilleri LL.D, kopja awtentikata ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, **Dok LM1**.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-elfejn u sittax (2016) huma ormai ghandhom hajja totalment separati minn ma xulxin.

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-konvenut, stante dekadenza reciproka li tirrizulta mill-anness kuntratt fi klawsola numru erbgha (4) tal-istess, u lanqas ma hemm arretrati dovuti in linea ta' manteniment ghat-trobbija tal-minuri, pagabbli mill-konvenut lir-rikorrenti skond fit-termini ta' klawsola hamsa sub-inciz tnejn (5(ii)).

Illi l-esponenti qieghda in oltre tesebixxi l-affidavit taghha stess anness u mmarkat bhala **Dok. LM2** permezz ta' liema affidavit hija tikkonferma l-fatti hawn esposti.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob revrentement illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tas-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-Risposta ta' SP għar-rikors tal-attriċi LM**

**Jesponi reverentement;**

Illi huwa gie notifikat bir-rikors guramentatipprezentat mill-attriċi Larissa Muscat, fejn hija essezjalment talbet illi dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg taghhom.

Illi, l-konvenut qieghed ai finijiet u l-effetti kollha tal-ligi jikkonferma r-rimanenti kontenut tal-istess rikors, u konsegwentement, jiddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet odjerni.

Illi finalment l-esponenti m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez in konnessjoni ma' dina l-procedura.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar il- 21 ta' Gunju 2012.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**